

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2010 — Evropaiki Dynamiki vs Frontex**

(Kawża T-554/10)

(2011/C 30/95)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepi-koinionon Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Frontieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-FRONTEX li tħiġad l-offerta tar-rikorrenti, ippreżentata bi tweġiba għas-sejħa għal offerti Frontex/OP/98/2010 — EOROSUR Proġetti Pilota Kbir (ĠU 2010, S 90-134098), kif ukoll kull deċiżjoni oħra relatata tal-FRONTEX, inkluża dik li permezz tagħha l-kuntratt rispettiv ingħata lill-kuntrattur magħżu;
- tannulla d-deċiżjoni tal-FRONTEX li tħiġad l-offerta tar-rikorrenti, ippreżentata bi tweġiba għal-Lott 1 u l-Lott 6 tas-sejħa għal offerti Frontex/OP/87/2010 — Kuntratt Qafas (ĠU 2010, S 66-098323), kif ukoll kull deċiżjoni oħra relatata tal-FRONTEX, inkluża dik li permezz tagħha l-kuntratt rispettiv ingħata lill-kuntrattur magħżu;
- tordna lill-FRONTEX tħallas lir-rikorrenti d-danni sostnuti minħabba l-proċedura tas-sejħa għal inkwistjoni fl-ammont ta' EUR 9 358 915,00;
- tordna lill-FRONTEX tħallas lir-rikorrenti d-danni sostnuti minħabba telf ta' opportunità u danni għar-reputazzjoni u l-kredibbilta tagħha fl-ammont ta' EUR 9 358 915,00; u
- tikkundanna lill-FRONTEX għall-ħlas tal-ispejjeż legali u spejjeż oħra tar-rikorrenti marbuta ma' dan ir-rikors, anki fkaż li r-rikors preżenti jiġi miċħud.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti qiegħda titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta, tas-16 ta' Settembru 2010 u tal-20 ta' Ottubru 2010, li jiċħdu l-offerta tagħha fil-kuntest tas-sejħa għal offerti Frontex/OP/98/2010 — EOROSUR Proġetti Pilota Kbir (ĠU 2010, S 90-134098) u l-Lott 1 u l-Lott 6 tas-sejħa għal offerti Frontex/OP/87/2010 — Kuntratt Qafas (ĠU 2010, S 66-098323), kif ukoll ta' kull deċiżjoni oħra relatata

tal-FRONTEX, inkluża dik li permezz tagħha l-kuntratti rispettivi ingħataw lill-kuntratturi magħżula. Barra minn hekk, ir-rikorrenti titlob kumpens għad-danni allegati minħabba s-sejħa għal offerti.

Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti tressaq il-motivi seguenti.

L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta kisret l-Artikoli 100(2) tar-Regolament Finanzjarju (¹), l-obbligu ta' motivazzjoni, peress illi l-FRONTEX irrifutat li tipprovi lir-rikorrenti ġustifikazzjoni jew spjegazzjoni suffiċċenti.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta wettqet diversi żbalji serji ta' evalwazzjoni, ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u ma osservatx il-kriterji ta' esklużjoni, u għalhekk kisret l-Artikoli 93(1)(f) u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba peress illi ħawdet illegalment il-kriterji tal-għażla mal-kriterji tal-għażla.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanżjarju applikabbli għall-bagħiġ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjalisti bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74)

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2010 — JBF RAK LLC vs Il-Kunsill**

(Kawża T-555/10)

(2011/C 30/96)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** JBF RAK LLC, Al Jazeerah Al Ħamra, Ras Al Khaimah, l-Emirati Għarab Magħquda (rappreżentant: B. Servais, avukat)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla r-Regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 857/2010, tas-27 ta' Settembru 2010, li jipponi dazju kumpensatorju definitiv u jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijet ta' ċertu polyethylene terephthalate li jorigha mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda (¹);
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.